

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/992**tat-12 ta' Ġunju 2017****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2148 fir-rigward tat-tħassir tar-referenzi għar-Repubblika tal-Belaruġġja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokollu jew arranġamenti oħra, jew minn regoli speċifiċi ta' importazzjoni tal-Unjoni oħrajn ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) u (6) u l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2015/936 stabbilixxa restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tessili li joriġinaw minn għadd ta' pajjiżi terzi biex jiġu allokati abbażi ta' min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2017/354 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ ħassar il-kwoti awtonomi fuq l-importazzjonijiet ta' tessuti u ħwejjeġ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Belaruġġja.
- (3) Ir-regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti kwantitattivi li ġew stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2148 ⁽³⁾ saru obsoleti fir-rigward ta' tessuti u ħwejjeġ li joriġinaw fir-Repubblika tal-Belaruġġja. Dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jenħtieġ li għalhekk ikun emendat kif xieraq.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tat-Tessuti stabbilit bl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2015/936,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2148, it-tabella li tikkonċerna r-Repubblika tal-Belaruġġja hija mħassra.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2017.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ ĠUL 160, 25.6.2015, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/354 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/936 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tessili minn għadd ta' pajjiżi terzi mhux koperti minn ftehim bilaterali, protokollu jew arranġamenti oħra, jew minn regoli speċifiċi ta' importazzjoni tal-Unjoni oħrajn (ĠUL 57, 3.3.2017, p. 31).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2148 tas-7 ta' Diċembru 2016 li jistipula r-regoli għall-ġestjoni u d-distribuzzjoni tal-kwoti tat-tessuti stabbiliti għas-sena 2017 skont ir-Regolament (UE) 2015/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 333, 8.12.2016, p. 32).